# Rapport national / National report / Landesbericht / национальный доклад
&
# Synthèse / Summary / Kurzfassung / резюме

RÉPUBLIQUE DE MALTE / REPUBLIC OF MALTA /
REPUBLIK MALTA / РЕСПУБЛИКА МАЛЬТА

The Constitutional Court of the Republic of Malta
Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika ta' Malta

langue maternelle / native language /
Muttersprache / родной язык

# XVI-il Kungress tal-Konferenza tal-Qrati Kostituzzjonali Ewropej fl-2014

## Ko-operazzjoni bejn il-Qrati Kostituzzjonali fl-Ewropa

## Il-Qagħda u l-Perspettivi llum

## Rapport Nazzjonali ta' Malta


**Fil-qosor**

Bħala qorti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja, il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta (bħal kull qorti oħra domestika ta' Malta) hija marbuta illi tqis u tapplika l-liġi tal-Unjoni Ewropeja. Hija wkoll marbuta illi tqis u tapplika l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li ddaħħlet bħala parti mil-liġi domestika. Barra minn hekk, kellha wkoll okkażjoni illi tqis strumenti oħra ta' dritt ewropew u internazzjonali. Fil-prattika, il-biċċa l-kbira tal-kawżi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali hija dwar ilmenti ta' ksur tal-Konvenzjoni u tad-dispożizzjonijiet dwar l-istess materja fil-Kostituzzjoni; għalhekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali hija influwenzata ħafna bis-sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li spiss jissemmew fis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. Minkejja dan kien hemm każijiet, għalkemm waħdiet, fejn il-Qorti Kostituzzjonali tbiegħdet xi ftit jew wisq mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti Kostituzzjonali hija wkoll xi ftit jew wisq influwenzata bil-ġurisprudenza ta' Qrati Kostituzzjonali oħra ewropej.


## Mistoqsijiet għar-Rapporti Nazzjonali

### I.1

Il-Qorti Kostituzzjonali (bħall-qrati kollha tal-pajjiż) hija marbuta bil-liġi li tqis u tapplika l-liġi tal-Unjoni Ewropeja bis-saħħa tal-prinċipji tas-supremazija u tal-effett dirett, li ddaħħlu wkoll fil-liġi tal-pajjiż bis-saħħa tal-Att dwar l-Unjoni Ewropeja (Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta[1]).

Il-Qorti Kostituzzjonali hija wkoll marbuta b'liġi li tqis u tapplika l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li ddaħħlet fil-liġi tal-pajjiż bis-saħħa tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta[2]).

### I.2

a) Il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem

Billi l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem iddaħħlet fil-liġi tal-pajjiż (ara t-twġiba għall-mistoqsija I.1) il-Qorti Kostituzzjonali tabilfors tirreferi għaliha

[1] http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8926&l=2
[2] http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8795&l=2

fis-sentenzi tagħha. Fil-prattika, il-biċċa l-kbira tal-kawżi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali hija dwar ilmenti ta' ksur tal-Konvenzjoni u tad-dispożizzjonijiet dwar l-istess materja fil-Kostituzzjoni.

b) Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

Fi kliem l-art. 51 "Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni". L-okkażjonijiet fejn il-Karta tista' tiġi applikata f'kawżi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali huma limitati.

c) Strumenti oħra ta' dritt internazzjonali fil-livell ewropew.

Il-Qorti Kostituzzjonali kellha okkażjoni illi tqis il-Konvenzjoni Ewropea dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kustodja ta' Minuri u dwar ir-Restituzzjoni tal-Kustodja ta' Minuri li kienet ġiet iffirmata fil-Lussemburgu fl-20 ta' Mejju, 1980. Din il-Konvenzjoni ddaħħlet fil-liġi tal-pajjiż bis-saħħa tal-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri (Kap. 410 tal-Liġijiet ta' Malta[3]).

d) Strumenti oħra ta' dritt internazzjonali f'livell internazzjonali.

Il-Qorti Kostituzzjonali kellha okkażjoni li tqis il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, li kienet ġiet iffirmata f'L-Ajja fil-25 ta' Ottubru, 1980. Din il-Konvenzjoni ddaħħlet fil-liġi tal-pajjiż bis-saħħa tal-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri (Kap. 410 tal-Liġijiet ta' Malta[4]).

**I.3**

L-art. 5 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropeja (Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta[5]) igħid hekk:

> **5.** (1) Għall-finijiet ta' kull proċediment quddiem xi qorti jew awtorità ġudikanti oħra, kull kwistjoni dwar it-tifsir jew l-effett tat-Trattat, jew dwar il-validità, tifsir jew effett ta' xi istrumenti li joħorġu minnu jew taħtu, għandha tiġi ttrattata bħala punt ta' dritt u jekk ma tkunx riferita lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, tkun għad-deċiżjoni bħala tali skont il-prinċipji stabbiliti minn, u kull deċiżjoni rilevanti ta', il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej jew ta' kull qorti marbuta magħha.
>
> (2) Għandha tittieħed konjizzjoni ġudizzjarja … ta' kull deċiżjoni ta', jew espressjoni ta' fehma minn, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej jew ta' kull qorti marbuta magħha dwar kull kwistjoni kif hawn qabel imsemmija …

Dawn id-dispożizzjonijiet jorbtu lill-Qorti Kostituzzjonali u lill-qrati kollha tal-pajjiż.

Ma hemmx dispożizzjoni li tixbah lil din dwar sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dawk is-sentenzi jistgħu jiġi esegwiti taħt l-art. 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[6]) iżda ma jorbtux bħala preċedent.

---

3 http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8876&l=2
4 http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8876&l=2
5 Ara n-nota 1.
6 Ara n-nota 2.

**I.4**

Il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali hija fil-prattika influwenzata ħafna bil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**I.5**

Il-Qorti Kostituzzjonali invarjabilment tirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem meta tkun qiegħda tittratta dwar allegazzjonijiet ta' Ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Riferenzi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja jsiru anqas ta' spiss.

**I.6**

Kif ingħad fuq, fit-tweġiba għall-mistoqsija I.3, il-Qorti Kostituzzjonali hija marbuta b'liġi li tħares il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja.

Għalkemm bħala regola l-Qorti Kostituzzjonali tfittex li tħares ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, ggieli ġara illi ċ-ċirkostanzi ta' każ partikolari jkunu tali illi l-qorti jkollha tittratta dak il-każ b'mod differenti. Fost każijiet reċenti ta' diverġenza kien hemm okkażjoni fejn il-Qorti Kostituzzjonali kellha titbiegħed mis-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' <u>Christine Goodwin *versus* ir-Renju Unit</u> (11 ta' Lulju 2002, rikors 28957/1995) dwar id-dritt ta' trans-sesswali illi jiżżewwġu. Tista' tissemma wkoll dik li tsta' titqies bħala interpretazzjoni restrittiva tas-sentenza fil-każ ta' <u>Salduz *versus* it-Turkija</u> (27 ta' Novembru 2008, rikors 36391/02) dwar id-dritt għal għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni preliminari mill-pulizija.

**I.7**

Meta ssir allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali quddiem qorti (bħal ma hija l-Qorti Kriminali) li ma għandhiex ġurisdizzjoni dwar materja kostituzzjonali, dik il-qorti tista' tirreferi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li għandha ġurisdizzjoni kostituzzjonali, bi dritt ta' appell lill-Qorti Kostituzzjonali. Meta l-kwistjoni tinqata' finalment mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew, wara appell, mill-Qorti Kostituzzjonali, id-deċiżjoni tkun torbot lill-qorti li tkun għamlet ir-referenza. Għalhekk, jekk il-Qorti Kostituzzjonali tkun semmiet sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni tagħha, il-qorti li tkun għamlet ir-referenza tkun marbuta li tqis dik is-sentenza.

F'każijiet oħra l-preċedent ġudizzjarju ma jorbotx, iżda fil-prattika l-qrati tal-pajjiż jimxu fuq id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali, li jfisser illi jqisu sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem meta dawn jissemmew f'sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali.

Is-sitwazzjoni dwar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja hija illi, kif jingħad fit-tweġiba għall-mistoqsija I.3, *supra*, l-art. 5 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropeja jgħid illi "Għandha tittieħed konjizzjoni ġudizzjarja … ta' kull deċiżjoni ta', jew espressjoni ta' fehma minn, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej jew ta' kull qorti marbuta magħha", kemm jekk dik id-deċiżjoni tkun issemmiet mill-Qorti Kostituzzjonali u kemm jekk le.

**I.8**

Ma nafu b'ebda deċiżjoni ta' xi qorti ewropeja li kienet influwenzata bil-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta.

**II.1**

Il-Kostituzzjoni ta' Malta hija fuq il-mudell ta' Westminster. Għalhekk, is-sentenzi bikrin ta' wara l-indipendenza fl-1964 kienu jirreferu għal sentenzi ta' qrati ta' pajjiżi tal-*Commonwealth*, għalkemm illum dan isir ħafna inqas ta' spiss. Eżempju aktar reċenti huwa fejn ġie adottat is-sistema tal-"interpretazzjoni konformi" tal-liġi ordinarja fuq l-eżempju ta' sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali taljana. Ma hemm xejn xi jżomm xi qorti f'Malta milli tirreferi għal sentenzi ta' qrati ewropej u mhux ewropej fejn il-motivazzjoni f'dawk is-sentenzi titqies konvinċenti.

**II.2**

Il-qrati maltin (u mhux biss il-Qorti Kostituzzjonali) jirreferu l-aktar għall-ġurisprudenza (u d-dottrina) bit-taljan, bl-ingliż u bil-franċiż.

**II.3**

L-aktar li jsiru referenzi huwa fil-qasam tad-dritt penali.

**II.4**

Ma nafu b'ebda deċiżjoni ta' xi Qorti Kostituzzjonali barranija li kienet influwenzata bil-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta.

**II.5**

Fil-preżent ma hemm ebda forma ta' ko-operazzjoni formali bejn il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta u xi Qorti Kostituzzjonali oħra.

**III.1**

Minħabba d-dottrina tas-supremazija u l-effett dirett (ara t-tweġiba għall-mistoqsija I.1, *supra*) u l-art. 5 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropeja (ara t-tweġiba għall-mistoqsija I.3, *supra*), il-liġi tal-Unjoni Ewropeja u s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja tabilfors jolqtu l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali, kemm jekk ikunu ssemmew fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u kemm jekk le.

**III.2**

Ma nafu b'ebda deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta li kellha xi influwenza fuq ir-relazzjoni bejn il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja.

**III.3**

Ir-regola ġenerali hija illi f'każ ta' konflitt bejn il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u dik tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja, hemm obbligu legali li tittieħed konjizzjoni ġudizzjarja tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja iżda ma hemm ebda disposizzjoni bħal din dwar sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara t-tweġiba għall-mistoqsija I.3, *supra*).

Sa issa għadu ma qam ebda każ ta' konflitt bħal dan quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta, u għalhekk għadu ma huwiex magħruf jekk f'xi każ bħal dak il-qorti toqgħodx fuq l-obbligu tagħha taħt l-art. 5 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropeja jew timxix minflok fuq is-sentenzi *Solange* tal-Qorti Kostituzzjonali Tedeska.